# ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI ORATUR KBIR U KITTIEB



PATRI HERMANN DUNCAN O.CARM
Balluta

Ġuże Muscat Azzopardi twieled Ħal Qormi nhar 1 ta' Settembru 1853 u għamel l-istudji tiegħu fis- Seminarju tal-Imdina, u fl-Università ta' Malta fejn laħaq Prokuratur Legali fis-sena 1875. Kien miżżeweġ lil Tonina Fenech u kellhom tlett ulied Ivo (kittieb), Gino (kittieb) u Anton li kien kompożitur.

Ġuże kien kelliem kapaċi, politiku popolari, kritiku magħruf tal-palk, u kien jippartecipa bosta fl- ambjent soċju kulturali. Kien avukat magħruf li laħaq President tal-Kamra tal- Prokuraturi Legali u kien ukoll membru tal-Ġunta Tejatrali tal- Gvern. Kien promotur tad-Drama Maltija, u Editur ta' bosta perjodiċi:- In-Naħla Maltija (1878), il-Ħabib (1911) u kiteb f'publikazzjonijiet oħra bħal – id-Dawl (1892) u l-Ħabbar Malti.

Ġuże Muscat Azzopardi kien membru fil-Kunsill tal-Gvern. Hu waqqaf l-għaqda kittieba tal-Malti li aktar tard saret l-Akkademja tal –Malti fis-sena 1920 u sar l-ewwel President tagħha. Fis-sena 1924 sar l-Editur ta' Il-Malti. Kien ukoll eżaminatur fit-Taljan fl-Università u fis-Seminarju. Kiteb f'ħargiet reliġjużi u għamel diversi attivitajiet u kien onorat darbtejn mill-Papa Piju X l-ewwel bil-Pro Ecclesia et Pontefice u wara bil-midalja Bene Merenti.

Għamel kontribut kbir filproża u fil-poeżija, li Franġisku Saverja Caruana sejjaħlu Missier il- Letteratura Maltija. L-ewwel kitba tiegħu kienet il-Ħajja ta' San Ġorġ fis-sena 1874 li kien ittraduċa *mit-Taljan. Kien attiv ukoll* fil-ħajja soċjo kulturali għax fis-sena 1875 sar is-segretarju tas-soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal- Qormi. Fis- sena 1880 kiteb il-versi tal-ewwel innu f'ġieħ San Ġorġ il-Qaddis Patrun, u kien ukoll il-President tas-soċjeta mis-sena 1906 sas –sena 1917.

Kellu ħeġġa u mħabba *kbira u kien versatili fil-kelma*, tant li għamel diskors memorabbli fil-21 ta' April, 1907 meta il-Banda Pinto għamlet programm ta' Mużika fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġorġ. Hu indirizza lis-surmast Kompożitur Mro. Ġanni Gatt li kiteb l-innu u jispikka l-għażla tal-kliem mirqum tiegħu bil-Malti li deher fil-gazzetta Malta tat-22 ta' April 1907.

*"Surmast, jien qiegħed* noffrilek dawn il-fjuri mhux għax jien Qormi, għax int ħabib tiegħi jew għax int alliev ta' Vassallo, dak li qiegħed iżid ikabbar dejjem il-ġieħ ta' Malta Artistika; lanqas għax jien il-President ta' din il-Banda popolari Qormija jew għax jien rappreżentant ta' din il-Belt Pinto tagħna fil-Kunsill Popolari u wisq inqas għax jien l-awtur ta' dawn il-versi ta' l-Innu; le, iżda, biss noffrihomlok f'ismi, f'isem il-Banda u f'isem il-Qormin kollha dilettanti tas-sabiħa arti tal-mużika għal dak il-kbir ġenju tiegħek li bih għaraf tlibbes dawn il-versi tiegħi b'mużika tant sabiħa, ħelwa u deskrittiva tinħass ħierġa ħafifa ħafifa minn dak il-ġenju li l-Providenza għoġobha tagħnik bih."

Barra min dan kollu Muscat Azzopardi kien rumanzier famuż. Dan narawh fil-bosta rumanzi storiċi li ppublika fosthom: Toni Bajjada (1878), Mattew Callus (1878), Viku Mason (1881), Susanna (1883), Ċejlu Tonna (1886), Ċensu Barbara (1893) u Nazju Ellul (1909).

Bħala rumanzier irnexxielu jħallat il-valuri nazzjonalistiċi mal-isfond tal- istorja fejn il-qarrej jagħraf il-ġrajja *storika u d-divertiment* tar-rakkont.

Muscat Azzopardi kien ukoll poeta li għaraf iħaddan il- Malti bħala l-mezz ta' espressjoni poetika. Bosta mill-poeżiji tiegħu jinsabu f' Ġabra ta' poeżiji bit-Taljan u bil-Malti (1876). Ħamsin poeżija bil-Malti (1890) u Ġabra sħiħa ta' Sunetti bi *Studju fuqhom tal-Kittieb* Innifsu (1956). Fil-poeżija tiegħu insibu l-ambjent Malti u l-interpretazzjoni soċjali li ispirat poeti oħrajn. Barra li għandu poeżiji mirquma qatt ma naqqas li joħroġ il-valuri didattiċi.

Ġużè Muscat Azzopardi, flimkien ma' Richard Taylor, Anton Muscat Fenech, Ludovik Mifsud Tommasi, Dwardu Cachia u Manwel *Dimech imxew fuq l-istil ta'* Ġan Anton Vassalli li kien sawwar il- poeżiji tiegħu fuq tliet taqsimiet prinċipali, dik sentimentali, satirika u dik nazzjonalistika fejn jorqmu l-orjentament demokratiku u jwessgħu l-medda ta' l-ispirazzjoni fuq l-istrutturi soċjali u l-mudelli kulturali.

Nisiltu biċċa mill- poeżija tiegħu Il-Baħar:

Mita, fis-sajf, kif jisbaħ,
Nixref mit-tieqa tiegħi,
Biex nara l-mewġ ta' taħti
Stenbaħx biċ-ċiera
miegħi;

U nilmħu donnu ġelu
Magħqud bit-trab tan-nir,
Bil-qlugħ tad-dgħajjes ħierġa
Bħal qatgħa gawwi kbir;
Mita, kif l-ewwel dija
Tax-xemx tibda tleqq
fuqu,
Narah jitħarrek – donnu
ħass 'il xi ħadd isuqu;



Muscat Azzopardi kien ukoll traduttur u drammaturgu li fl-1878 ttraduċa Il-Għasar tal-Madonna poeżija mill-Latin, sena wara ttraduċa Pawlu Xara u L-Għarusa tal-Mosta. Ttraduċa ukoll Il-Ħalliel it-Tajjeb fl- 1901, *Il-Quddiesa bil-Malti* meħudha minn fuq il-Missal kelma b'kelma fl-1902. Kif ukoll l-iStorja ta' Malta fl-1903, Il-Ħajja ta' San Filippu Neri fl-1907 u l-Maħbub ta' Ġesu ktieb oriġinali fl-1908. Jibqa magħruf għat traduzzjoni tal Evanġelju Mqaddes ta' Sidna Ġesù Kristu miktub minn San Mattew fl-1895, dik ta' San Mark fl-1915, San Luqa fl-1916 u San Ġwann fl-1917, bit-tifsir kollu tal- Isqof Martini mlaqqa ma' tal-Patri Curċi u ta' għorrief oħra.

Barra r-Rumanzi sbieħ li ħallielna, insibu l-istor*ja ta' Ġanna d'Ark, trodott* mit-Taljan tas-sena 1894, Manon, ġrajja ta' mitt sena ilu tas- sena 1895 u xi reċti oħra fosthom Katerina Desguanez tas- sena 1876, Xorti Ħażina tas- sena 1901, Frażir libret tal-opra tas- surmast Paolo Vassallo u l- Istorja ta' Malta fil-qasir, traduzzjoni mit-Taljan ta' l-Imħallef Pawlu Debono tas-sena 1903, u Paolo Nani tas-sena 1904.

Ġuże Muscat Azzopardi hu meqjus bħala wieħed mill- persunaġġi tal- Letteratura ta' pajjiżna fejn spikka l-aktar f'diversi ġeneri *letterarji. Kien jikteb kemm* bit – Taljan u kemm bil-Malti skond id- drawwa ta' dawk iż-żminijiet. Ta' kontribut kbir fil- qasam tal-ġurnaliżmu sabiex il-poplu ikollu materjal siewi biex jaqra. Ġuże Muscat Azzopardi għadda għal-ħajja ta' dejjem nhar l-4 ta' Awwissu tas-sena 1927.